MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2009

Numru 704/1999

Il-Pulizija
(Ass. Kumm. Pierre Calleja u Sp Angelo Caruana)
vs
Generoso sive Jimmy Sammut, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Frar, 1945

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
a. talli f’Ħ’Attard fil-perjodu ta’ bejn l-4 u is-7 ta’ Settembru, 1999, flimkien ma persuna jew persuni oħra ikkometta serq ta’ diversi oġġetti ta’ valur, fosthom pitturi, għamara u oġġetti oħra, mill-fond ‘Villa Fiorentina’, fi Triq Lord Stirckland, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u tletin euro (€2,330), bil-lok u bil-ħin li sar għad-dannu ta’ l-eredi tal-mejta Joseph u Lilian Grungo;

b. talli fid-9 ta’ Ottubru, 1999 u fil-ġranet ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement, laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
c. talli f’Ħal-Qormi, fid-9 ta’ Ottubru, 1999, għal ħabta tat-8.30 a.m. inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuni ta’ l-Assistant Kummissarju (dak iż-żmien Spettur) Pierre Calleja, l-Ispettur Angelo Caruana, is-Surġent 1152 Emanuel Saliba, il-Kuntistabbli 374 Noel Fabri u uffiċjali oħra tal-puliżija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
d. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, attakka, għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni tal-Assistant Kummissarju (dak iż-żmien Spettur) Pierre Calleja, l-Ispettur Angelo Caruana, is-Surġent 1152 Emanuel Saliba, il-Kuntistabbli 374 Noel Fabri u uffiċjali oħra tal-puliżija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita’ kompetenti;
e. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom;
f. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Angelo Caruana, skond ma ċċertifika Dr. Abela taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Ħal-Qormi;
g. talli huwa kkometta reat li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta’ Marzu, 1998;
h. talli sar reċidiv b’sentenżi tal-Qorti diversament presjeduta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta’ Ġunju, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat

u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali; u
g. fl-artikoli 49, 50 u 28B tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta’ din l-akkuża barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Lulju, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Osservat li l-inkartament ta’ dan il-proċess inħaraq fin-nirien li ħakmu l-awla numru 2 fit-12 ta’ Lulju, 2004 u għalhekk parti mill-proċess kellu jerġa jiġi rikostruwit.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-17 ta’ Settembru, 1999 jew fil-jiem ta’ qabel seħħet serqa mill-fond ‘Villa Fiorentina’, Triq lord Strickland, Attard.  Minn dan il-fond insterqu diversi pitturi, għamara u oġġetti oħra ta’ valur.

Illi f’Ottubru ta’ dik is-sena l-pulizija rċeviet informazzjoni li l-imputat flimkien ma Norman Zammit kienu qed jippruvaw ibiegħu xi kwadri tal-pittura minn fond li kien jinsab fi Triq l-Industrija, Ħal-Qormi.  Għalhekk, il-pulizija bdiet tissorvelja dan il-post partikolari. Fid-9 ta’ Ottubru, 1999, waqt din is-sorveljanza, l-imputat Generoso Sammut

intlemaħ dieħel f'dan il-fond li jifforma parti mill-fabbrika tal-Packprint Ltd. Rawh dieħel b'dak li deherilhom li kienet camera tar-ritratti. Wara ftit tal-ħin l-imputat ħareġ minn dan il-post u l-Ispettur Angelo Caruana flimkien ma żewġ uffiċjali oħra tal-pulizija ngħata l-ordni li jarresta lill-imputat. L-ordni ġie esegwit u l-Ispettur Caruana mar fuq l-imputat ezatt kif ħareġ minn dan il-fond. Identifika ruħu bħala pulizija iżda l-imputat prova jaħrab minn fuq il-post u fil-kollutazzjoni li segwit l-imputat ġidem lill-Ispettur Caruana, li ġarrab ferita ta' natura ħafifa. Fil-fatt kellhom ikunu aktar minn tlett pulizija li rnexxilhom irazznu lill-imputat u jimmanettjawh wara li nizzluh mal-art.

Illi waqt l-arrest l-Ispettur Caruana xehed li hu kien qed jibża li l-imputat kellu arma fuq il-persuna tiegħu minħabba li kellhu idejh fil-but. Dan ma kienx minnu għaliex l-imputat kien qed iżomm film tar-ritratti f'idejh.

Illi minn hemm membri oħra tal-pulizija daħlu fil-fond hawn fuq imsemmi fejn sabu lil Norman Zammit. Huma talbuh iċ-ċwievet tal-kmamar kollha u bdew ifittxu dan il-fond. Meta waslu għal karma partikolari, il-pulizija sabu li fil-mazz li kellhom ma kienx hemm iċ-ċavetta ta' din il-kamra. Għalhekk, talbu lil Norman Zammit, li kien qed jakkumpanja l-pulizija f'din it-tfittxija, għal din iċ-ċavetta. Norman Zammit wieġeb li ċ-ċavetta kienet għand l-imputat Generoso Zammit. Għalhekk, l-Ispettur Caruana wara li ngħata l-ordni biex iġib din iċ-ċavetta, ordna lis-surġent tiegħu biex imur għand l-imputat, li fil-frattemp kien barra l-fond arrestat, u iġib din iċ-ċavetta. Is-surgent esegwixxa l-ordni u ġab lura mazz bi tlett tiċ-ċwievet. Waħda minnhom fetħet kamra u f'din il-kamra nstabu erbtax (14) il-pittura. It-tfittxija kompliet u f'kamra oħra nstabet pittura oħra.

Illi jirrizulta li dawn il-ħmistax (15) il-pittura ġew kollha mis-serqa ta' 'Villa Fiorentina'. Fil-kors ta' din il-kawża l-partijiet qablu li dawn il-pitturi huma ta' valur ta' aktar minn €2,330.

Illi fil-kors tal-indaġini wara l-arrest ta' l-imputat saret tfittxija fil-karozza tal-imputat. Ġara li l-pulizija riedet

tnizzel il-karozza id-depot u għalhekk din instaqet minn pulizija u l-imputat kien riekeb fiha ukoll. Meta waslu d-depot, il-karozza isakkret u iċ-ċwievet ġew mogħtija lill-imputat. Ftit wara l-pulizija riedu ċ-ċwievet lura iżda meta ħaduhom lill-imputat instab li l-mazz kien fih żewġ ċwievet biss. Minn dak il-mument l-imputat dejjem ċaħad li fil-mazz kien hemm tlett ċwievet, hu dejjem sostna li l-mazz kellu biss żewġ ċwievet.

Illi l-imputat ġie akkużat li hu kien responsabbli għas-serqa li saret minn ignoti fil-villa hawn fuq imsemmija. Il-prosekuzzjoni qed tibbaza l-akkuża tagħha fuq ix-xhieda ta' Norman Zammit u fuq id-dettalji li allegatament l-imputat svela lil Norman Zammit.

Hawnhekk għandu jiġi rilevat li oriġinarjament l-imputat kien ġie mressaq l-Qorti flimkien ma Norman Zammit. Fil-mori ta' din il-kawża ż-żewġ imputati ġew separati u l-proċess kontra Norman Zammit ġie deċiż. Għalhekk, Norman Zammit intalab biex jixhed kontra l-imputat odjern.

Illi l-prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova oħra li torbot lill-imputat ma din is-serqa. Kollox hu msewwes fuq ix-xhieda ta' Norman Zammit. Huwa veru li dan ix-xhud tagħti sensiela ta' dettalji iżda din il-Qorti għandha tkun sodisfatt li hemm provi konkreti kontra l-imputat. Fil-fehma tagħha, Norman Zammit ma jagħtix dik l-affidabilita' neċessarja biex il-każ tal-prosekuzzjoni jiġi pruvat mingħajr ebda dubju raġonevoli.

Illi t-tieni akkuża tirrigwarda r-reat tar-riċettazzjoni. Qed issir referenza għal dak li ntqal aktar 'il fuq li meta l-imputat ġie arrestat instab film tar-ritratti fuq il-persuna tiegħu. Dan il-film ġie svillupat u nstab li r-ritratti kienu kollha tal-pitturi li kienu nstabu f'dik il-kamra msakkra. Il-pulizija staqsew lil Norman Zammit għaċ-ċavetta iżda dan qal 'a tempo vergine' li kienet għand l-imputat. Zammit qal u xehed li l-imputat ma kienx jafdah u għalhekk kellhu ċ-ċavetta ta' dik il-kamra. Fil-fatt, il-pulizija kienu ħadu ċ-ċwievet kollha lil Zammit iżda ma sabu ebda ċavetta li kienet kopja ta' dik li kellhu l-imputat. L-imputat, min-naħa

tiegħu, meta offra x-xhieda tiegħu fil-mori ta’ din il-kawża, dejjem ċaħda li fil-mazz tiegħu kien hemm biss żewġ cwievet. Din il-Qorti ma temminx il-versjoni mogħtija mill-imputat għas-sempliċi fatt li hemm xhieda biżżejjed li jikkonfermaw li din il-famuża tielet ċavetta kienet teżisti u kienet fil-mazz li ġie elevat mill-pussess ta’ l-imputat. L-imputat xehed li hu mar hemmhekk biss biex jiffotografa l-pitturi għan-nom ta’ Zammit u ma kien jaf xejn aktar. Din hi versjoni li ma titwemmimx. Kieku kien hekk, l-imputat kellu jinforma lill-pulizija b’din il-versjoni tal-fatti mill-ewwel. X’ġara. Kif ingħad hawn fuq l-imputat għamel minn kollox biex jirresisti l-arrest, ma obdiex l-ordni tal-pulizija, kellu jiġi mrazzan minn aktar minn pulizija wieħed u fl-aħħar nett gidem lill-Ispettur Angelo Caruana. Komportament li juri biċ-ċar li l-imputat ma aġixxa f’mod li juri l-estranjeta’ tiegħu għal fatti u li mar hemm biss biex jagħmel pjaċir lil Zammit. Dawn il-fatturi kollha juru b’mod li ma jħalli ebda dubju f’għajn din il-Qorti li l-imputat kien jaf perfettament li dawk il-pitturi kienu misruqa u li mar jieħu r-ritratti biex ikun jista’ jurihom li xi ħadd li seta’ kien interessat biex jixtrihom.

Illi l-prosekuzzjoni eżebit is-sentenza mogħtija fit-13 ta’ Marzu, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn l-imputat instab ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u ġie ikkundannat għal piena ta’ tlett xhur priġunerija. Semgħet ix-xhieda ta’ l-identita’. Din is-sentenza ġiet sospiza għal perjodu ta’ erba’ snin minn dak in-nhar. Jirrizulta li r-reati li wettaq l-imputat huma fil-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza u għalhekk din is-sentenza għandha tibda sseħħ mil-lum stess a tenur tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali. Minbarra dan, rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-24 ta’ Awwissu, 1999 u tiddikjara l-imputat reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Krimianli.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 334, 95(1), 96, 221, 338(ee), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.  Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna kif ingħad hawn fuq li s-sentenza sospiża tibda sseħħ u għalhekk irid jiskonta l-piena ta' dik is-sentenza ta' tlett xhur priġunerija.  Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------